

AVVIŻ TA' POŻIZZJONI VAKANTI GĦALL-ĦOLQIEN TA' LISTA TA' RIŻERVA

Titolu tal-impjieg	Maniġer tal-Proġetti – Liġi tal-UE u Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem
Grupp ta' funzjonijiet/grad	AD 5
Tip ta' kuntratt	Persunal Temporanju
Referenza	FRA-TA-PMINST-AD5-2021
Data tal-iskadenza għall-applikazzjonijiet	25/02/2022 fis-13:00 (Ħin tal-Ewropa Ċentrali (CET)).
Post tal-impjieg	Vjenna, L-AWSTRJA

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) qed torganizza proċedura tal-għażla sabiex toħloq lista ta' riżerva li minnha jimtlew il-pożizzjoni/pożizzjonijiet vakanti ta' Amministratur (M/F) Maniġer tal-Proġetti (grupp ta' funzjonijiet AD, grad 5) fl-Unità tal-Kooperazzjoni Istituzzjonali u tan-Networks.

1 SFOND

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) tipprovdi pariri indipendenti u bbażati fuq l-evidenza lil dawk li jfasslu l-politika, sabiex tgħin biex jiġi żgurat rispettt sħiħ għad-drittijiet fundamentali fl-UE kollha, għal kulħadd. Għal dan il-għan, l-Aġenzija tiġbor u tanalizza informazzjoni u *data* dwar firxa ta' kwistjonijiet tad-drittijiet fundamentali, tipprovdi assistenza u għarfien espert lill-Istituzzjonijiet tal-UE u lill-gvernijiet tal-Istati Membri tal-UE, tqajjem sensibilizzazzjoni lejn id-drittijiet, tikkomunika s-sejbiet tagħha u ssaħħaħ il-kooperazzjoni u r-rabtiet bejn l-atturi tad-drittijiet fundamentali.

L-Unità tal-Kooperazzjoni Istituzzjonali u tan-Networks

L-Unità tal-Kooperazzjoni Istituzzjonali u tan-Networks hija responsabbli mill-kooperazzjoni tal-Aġenzija mas-sħab biex tappoġġa l-liġi u t-tfassil tal-politika konformi mad-drittijiet fundamentali fl-UE u fl-Istati Membri tagħha. L-Unità taħdem ma' sħab fl-UE, fil-livell nazzjonali u fil-livell internazzjonali, inklużi istituzzjonijiet tal-UE, gvernijiet tal-Istati Membri, korpi nazzjonali b'mandat tad-drittijiet tal-bniedem jew tal-ugwaljanza, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet intergovernattivi.

L-Unità tibqa' aġġornata dwar l-iżviluppi tal-politika u dawk legali rilevanti għall-ħidma tal-Aġenzija u tgħin lill-Aġenzija twieġeb għall-ħtiġijiet tal-politika u ta' dawk li jfasslu għal pariri indipendenti dwar id-drittijiet fundamentali. L-Unità tipprovdi kontribut legali u politiku sostantiv abbażi tar-riċerka, il-ġbir u l-analiżi tad-*data* tal-Aġenzija, inkluż fir-rigward tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

2 DMIRIJET

Il-kandidat magħżul se jaħdem fl-Unità tal-Kooperazzjoni Istituzzjonali u tan-Networks taħt is-superviżjoni tal-Kap tal-Unità. Huwa se jaħdem ukoll mill-qrib ma' membri oħra tal-unità, kif ukoll ma' persunal f'unitajiet oħra.

Id-detentur tal-impjeg se jappoġġa l-ħidma tal-Unità f'konformità mal-prijoritajiet ta' kooperazzjoni istituzzjonali u ta' networking tagħha f'sena partikolari, kif stabbilit fid-[Dokument ta' Programmazzjoni tal-Aġenzija](#). Huwa se jibbaża fuq l-għarfien espert u l-għarfien tiegħu biex jipprovdi kontribut għal proġetti speċifiċi u r-riżultati tanġibbli tagħhom.

Il-kandidat magħżul se jkun mistenni jwettaq il-kompiti li ġejjin:

- Jiġġestixxi u jikkontribwixxi għall-proġett(i) f'oqsma speċifiċi tad-drittijiet fundamentali, jiġġestixxi ċ-ċiklu kollu tal-proġett mid-definizzjoni tal-obiettivi sat-twettiq effiċjenti tal-pjan tal-proġett u l-evalwazzjoni tal-outputs u tal-eżiti, filwaqt li jikkoordina l-ħidma tat-tim tal-proġett responsabbli mill-kisba tal-obiettivi;
- Jippjana, jimplementa u jimmonitorja l-attivajiet u l-baġit tal-proġetti, inklużi l-ġestjoni tal-kuntratti u l-akkwist ta' servizzi esterni, f'konformità mal-proċeduri amministrattivi u mar-regoli finanzjarji applikabbli, filwaqt li jiġi żgurat li d-*data* amministrattiva tiddaħħal fl-għodda ta' ġestjoni tal-proġetti tal-Aġenzija;
- Jippromwovi l-ħidma tal-Aġenzija u jxerred is-sejbiet tal-proġett permezz ta' diversi mezzi u kanali, inklużi dokumenti ta' konferenzi, preżentazzjonijiet, parteċipazzjoni f'workshops, organizzazzjoni ta' webinars, materjal ta' komunikazzjoni, eċċ.;
- Jipprovdi analiżi legali, kif ukoll analiżi tal-politika, dwar kwistjonijiet tad-drittijiet fundamentali tal-UE u l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem rilevanti għaż-żona/żoni tax-xogħol tad-detentur tal-impjeg;
- Jikkoordina u jabbozza rapporti legali komparattivi, kif ukoll dokumenti ta' politika, abbażi ta' *data* u evidenza miġbura mill-Aġenzija, inkluża s-sorveljanza tal-kwalità tar-riżultati tanġibbli pprovduti minn kuntratturi esterni;
- Jiffaċilita u jżomm relazzjonijiet mas-sħab u mal-partijiet ikkonċernati fil-qasam/fl-oqsma tax-xogħol tad-detentur tal-impjeg, inklużi rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-UE, organizzazzjonijiet intergovernattivi, awtoritajiet nazzjonali u s-soċjetà ċivili;
- Jabbozza laqgħat ta' informazzjoni u punti ta' taħdit għall-maniġment dwar kwistjonijiet li jaqgħu fiż-żona/żoni ta' ħidma tad-detentur tal-impjeg;
- Jirrappreżenta lill-Aġenzija fil-laqgħat u fl-avvenimenti, u jorganizza laqgħat esterni u interni.

Dmirijiet applikabbli għall-persunal kollu:

- Jaħdem b'mod attiv lejn il-kisba tal-għanijiet tal-FRA f'konformità mal-Pjan Strateġiku tal-Aġenzija;
- Iwettaq kwalunkwe dmir u responsabbiltà oħra relatati max-xogħol li jistgħu jiġu assenjati mill-Kap tal-Unità.

3 KRITERJI TA' ELIĠIBILTÀ

Sabiex ikunu ammissibbli għal din l-għażla, il-kandidati għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin sa mhux aktar tard mill-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet:

Kondizzjonijiet ġenerali¹

- Ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;
- Ikunu intitolati għad-drittijiet kollha tagħhom bħala ċittadin² ;
- Ikunu ssodisfaw kwalunkwe obbligu impost mil-ligijiet dwar is-servizz militari;
- Jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-karattru dwar l-adegwatezza għat-twettiq tad-dmirijiet involuti;
- Ikunu fiżikament kapaċi jwettqu d-dmirijiet relatati mal-kariga³.

Edukazzjoni

- Ikollhom livell ta' edukazzjoni, li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-inqas erba' snin attestati b'diploma fil-ligi⁴,

JEW

- Ikollhom livell ta' edukazzjoni, li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-inqas tliet snin attestati b'diploma fil-liġi u esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena.

Esperjenza professjonali

- Minbarra dan ta' hawn fuq, jeħtieġ ukoll li jkollhom minimu ta' 5 snin ta' esperjenza professjonali full-time f'materji legali jew ta' politika wara li jiksbu l-lawrja rilevanti u qabel id-data tal-għeluq tal-avviż preżenti ta' pożizzjoni vakanti⁵.

Filiet lingwistiċi

- Ikollhom għarfien tajjeb ħafna tal-Ingliż (livell minimu C1) u
- Ikollhom għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra tal-UE (livell minimu B2).

Il-livelli indikati jikkorrispondu mal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi⁶.

Filiet tal-kompiuter

¹ Ara l-Artikolu 12 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

² Qabel il-ħatra, l-applikanti magħżula se jintalbu jiproduċu dokument uffiċjali li juri li dawn ma għandhom l-ebda rekord kriminali.

³ Qabel il-ħatra, l-applikanti magħżula se jintalbu jagħmlu eżami mediku biex jiġi żgurat li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 12(2)(d) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

⁴ Se jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġin mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija. F'każ li jkun inħareġ ċertifikat ta' ekwivalenza, dan għandu jkun sar ukoll sal-iskadenza għall-applikazzjoni.

⁵ L-esperjenza professjonali tingħadd mid-data ta' meta tkun inkisbet id-diploma. Fil-każ ta' livell ta' studji universitarji mitmuma, attestati b'diploma meta l-perjodu normali ta' edukazzjoni huwa mill-inqas ta' tliet snin, l-esperjenza professjonali ta' sena ma tistax tiġi inkluża fl-esperjenza professjonali meħtieġa. F'dan il-każ huwa meħtieġ total ta' 5 snin + sena ta' esperjenza professjonali.

⁶ Ara <https://europass.cedefop.europa.eu/sites/default/files/cefr-en.pdf>

- Il-kandidati għandu jkollhom esperjenza Prattika estensiva b'applikazzjonijiet tal-kompjuter bħall-pakkett MS Office jew simili (prinċipalment Word, Excel, PowerPoint, Outlook), bażijiet tad-*data* (fil-livell tal-utent) u riċerka fuq l-Internet.

4 KRITERJI TAL-GĦAŻLA

Sabiex jintgħażlu l-aħjar kandidati kkwalfikati għall-intervista u l-fażi possibbli tat-test, l-Aġenzija se tqis il-kriterji **essenzjali** li ġejjin:

- Esperjenza fil-ħidma bl-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;
- Esperjenza bi prova ta' ġestjoni tal-proġetti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem/fundamentali;
- Esperjenza bi prova ta' ħidma fl-abbozzar ta' analiżijiet legali u ta' politika ta' kwalità għolja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem/fundamentali (rapporti komparattivi, dokumenti ta' politika, eċċ.) bl-Ingliż;
- Esperjenza fl-għoti ta' pariri legali u ta' politika lil dawk li jfasslu l-politika u l-liġi;
- Esperjenza bi prova fir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u fin-networking.

Il-kriterji li ġejjin se jitqiesu bħala **vantaġġużi**:

- Ċertifikazzjoni fil-ġestjoni tal-proġetti (eż. UE PM², PRINCE 2, PMP eċċ.);
- Esperjenza ta' xogħol f'istituzzjoni/korp tal-UE, f'organizzazzjoni intergovernattiva jew f'istituzzjoni nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;
- Għarfien u esperjenza fil-ħidma b'bażijiet tad-*data* dwar id-drittijiet tal-bniedem;
- Għarfien tajjeb kemm tal-Franċiż kemm miktub kif ukoll dak mitkellem (livell minimu B2).

Minbarra l-kriterji **essenzjali u vantaġġużi**, il-kandidati mistiedna għall-intervista u għall-fażi tat-test se jiġu vvalutati wkoll skont ir-rekwiżiti li ġejjin:

- **Komunikazzjoni:** jikkomunikaw b'mod ċar u preċiż kemm bil-kliem kif ukoll bil-kitba;
- **Analiżi u Solvien tal-problemi:** il-kapaċità li jidentifikaw il-fatti kritiċi fi kwistjonijiet kumplessi u jiżviluppaw soluzzjonijiet kreattivi u prattiċi;
- **Ħidma mal-Oħrajn:** jaħdmu b'mod kooperattiv ma' oħrajn f'timijiet u bejn konfini organizzazzjonali u jirrispettaw id-differenzi bejn in-nies; joħolqu sens ta' spirtu ta' tim billi jħeġġu miri kondiviżi u skambju ta' għarfien u esperjenza;
- **Tagħlim u Żvilupp:** jiżviluppaw u jtejbju l-ħiliet personali u l-għarfien tal-organizzazzjoni u tal-ambjent tagħha; jimpenjaw ruħhom li jħarrġu lil persuni oħrajn, jikkondividu l-għarfien u jtejbju b'mod sistematiku l-metodi ta' ħidma;
- **Prijoritizzazzjoni u Organizzazzjoni:** l-abbiltà li jiprijoritizzaw il-kompiti l-aktar importanti, jaħdmu b'mod flessibbli u jorganizzaw l-ammont ta' xogħol tagħhom stess u tal-oħrajn b'mod effiċjenti;
- **Kwalità u Riżultati:** jieħdu responsabbiltà u inizjattiva personali biex jipprovdu xogħol ta' standard ta' kwalità għolja skont proċeduri stabbiliti; juru orjentazzjoni ċara lejn il-konsumatur (interna u esterna); jibnu proċessi sistematiki u metodiċi fil-proġetti u fil-ħidma tagħhom u tat-tim tagħhom stess;

- **Reżiljenza:** jibqgħu effettivi taħt il-pressure tax-xogħol, ikunu flessibbli u jadattaw għal ambjent tax-xogħol li dejjem jinbidel; ihegħgu lill-oħrajn sabiex jagħmlu l-istess u jaġġustaw l-approċċ personali tagħhom stess u tat-tim sabiex iħaddnu ċ-ċirkostanzi li dejjem jinbidlu.

5 SOTTOMISSJONI TA' APPLIKAZZJONIJIET U SKADENZA

Il-kandidati huma mitluba jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom b'mod elettroniku permezz tas-sit web tal-Aġenzija: fra.europa.eu . **Se jiġu aċċettati biss applikazzjonijiet online.**

Applikazzjoni titqies ammissibbli biss jekk tinkludi:

- CV f'[format tal-Europass](#) (**formati oħrajn mhumiex se jiġu kkunsidrati**);
- ittra ta' motivazzjoni (preferibbilment mhux itwal minn paġna);
- applikazzjoni elettronika kompluta (li tinkludi l-grilja tal-eliġibbiltà u tal-għażla).

Informazzjoni rigward l-istatus tal-proċedura tal-għażla tista' tinstab fl-indirizz li ġej: <http://fra.europa.eu/en/about-fra/recruitment/vacancies> .

F'każ li tesperjenza problemi tekniċi matul l-applikazzjoni tiegħek, jekk jogħġbok ikkuntattja, fi ħdan l-iskadenza msemmija hawn fuq, l-indirizz tal-email t'hawn taħt billi tipprovdi spjegazzjoni tal-kwistjoni: recruitment@fra.europa.eu.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu mhux aktar tard mill-**25/02/2022 fis-13:00** (Ħin tal-Ewropa Ċentrali (CET)).

Jekk jogħġbok kun af li minħabba n-numru kbir ta' applikazzjonijiet li nirċievu, is-sistema tista' ġġarrab problemi fl-ipproċessar ta' daww l-ammonti ta' data meta tkun riesqa l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet. Għaldaqstant, nirrakkomandawlek tapplika ferm qabel l-iskadenza.

6 OPPORTUNITAJIET INDAQS

Il-FRA thegħgeġ lil kull persuna li tissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà u li tkun interessata fil-pożizzjoni biex tapplika. Il-FRA hija impjegatur ta' opportunitajiet indaqs u thegħgeġ applikazzjonijiet mingħajr distinzjoni abbażi ta' sess, kultur, razza, oriġini etnika jew soċjali, fatturi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kull opinjoni oħra, sħubija f'minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, nazzjonalità, età, orjentazzjoni sesswali jew identità sesswali.

Il-FRA thegħgeġ lil kandidati b'diżabbiltà biex japplikaw. Jekk inti tqis li għandek diżabbiltà fiżika, mentali, intellettuali jew sensorja, jekk jogħġbok immarka l-kaxxa xierqa fuq l-applikazzjoni online u indika kwalunkwe aġġustament jew arranġament, relatat mad-diżabbiltà tiegħek, sabiex il-FRA tkun tista' tiżgura l-parteċipazzjoni sħiħa u ugwali tiegħek fl-intervista.

7 PROĊEDURA TAL-GĦAŻLA

Kumitat tal-Għażla huwa nominat mill-Awtorità tal-Ħatra tal-Aġenzija.

L-eliġibbiltà tal-kandidati se tiġi vvalutata skont il-konformità mar-rekwiżiti formali kollha sad-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet (jekk jogħġbok ara l-punt 3 Kriterji ta' eliġibbiltà).

L-applikazzjonijiet tal-kandidati eliġibbli biss se jiġu evalwati f'konformità mal-kriterji tal-għażla kif speċifikat fl-avviż tal-pubblikazzjoni (ara l-punt 4 Kriterji tal-Għażla). **L-Aġenzija se tistieden għal intervista l-aqwa 8 kandidati fost dawk li mill-inqas kisbu 60%.**

Il-proċedura tal-għażla se tkun magħmula minn intervista u parti bil-miktub. Iż-żewġ partijiet se jsiru bil-Ingliż. Din se ssir fi Vjenna (l-Awstrija), fejn l-Aġenzija għandha s-sede tagħha u fejn huwa l-post tal-impjeg. F'każ li s-sitwazzjoni tal-COVID-19 ma tippermettix li l-kandidati jkollhom l-eżamijiet bil-miktub u orali tagħhom fil-bini tal-FRA, il-kandidati kollha li jintgħażlu se jiġu mistiedna għal testijiet bil-miktub u orali online. Il-kandidati magħżula se jirċievu aktar informazzjoni dettaljata fi żmien xieraq.

Il-kandidati mistiedna għal intervista se jintalbu jissottomettu, sad-data tal-intervista, kopja mhux iċċertifikata tad-diploma/diplomi tagħhom u evidenza tal-esperjenza professjonali tagħhom, li tindika b'mod ċar it-tul u n-natura tal-esperjenza tagħhom u jekk ix-xogħol kienx full time jew part time. Qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt, il-kandidat/i magħżul/a se jintalbu jipprovdu lil FRA kopji oriġinali jew iċċertifikati tad-dokumenti rilevanti kollha li jaġġu prova tar-rekwiżiti tal-eliġibbiltà.

Il-kandidati magħżula se jiġu inklużi f'lista ta' riżerva mfassla mill-Kumitat tal-Għażla. Din il-lista ta' riżerva se tiġi proposta lill-Awtorità tal-Ħatra tal-FRA. L-Awtorità tal-Ħatra se tiddeċiedi dwar l-istabbiliment fuq il-lista ta' riżerva. Din il-lista ta' riżerva se tkun valida mid-data tal-istabbiliment tagħha (fis-sena "N") sal-31 ta' Diċembru tas-sena "N + 1". Il-validità tagħha tista' tiġi estiża. Kull kandidat se jiġi infurmat b'ittra jekk ikunx tpoġġa fil-lista ta' riżerva. Il-kandidati għandhom jinnotaw li l-inklużjoni fuq il-lista ta' riżerva ma tiggarantixxix ir-reklutaġġ.

Il-lista ta' riżerva tista' tintuża għal reklutaġġ futur. Ir-reklutaġġ għal pożizzjonijiet vakanti se jkun ibbażat fuq id-disponibbiltà tal-karigi u l-baġit u normalment jistgħu jsiru intervisti ta' segwitu mal-Awtorità tal-Ħatra tal-FRA biex jiġi deċiż ir-reklutaġġ għal pożizzjoni vakanti. Abbażi ta' dan, l-Awtorità tal-Ħatra tal-FRA tista' toffri kuntratt ta' impjeg.

Jekk jogħġbok kun af li l-ħidma tal-Kumitat tal-Għażla u d-deliberazzjonijiet huma strettament kunfidenzjali u li kwalunkwe kuntatt mal-membri tiegħu huwa strettament ipprobit.

Minħabba l-ammont kbir ta' applikazzjonijiet, **L-Aġenzija b'dispaċir tinforma li l-kandidati magħżula għall-intervisti biss se jiġu kkuntattjati.** L-applikanti huma mistiedna jseguw l-proċess tar-reklutaġġ fuq is-sit web tal-FRA.

8 IMPJIEG U KONDIZZJONIJET TAL-IMPJIEG

Se jiġi offrut kuntratt ta' aġent temporanju f'konformità mal-Artikolu 2(f) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea għal perjodu indefinit.

Il-kandidat magħżul se jiġi rreklutat fil-grad AD 5. Bħalissa, s-salarju bażiku fix-xahar għall-grad AD 5 (Pass 1) huwa ta' EUR 5 010.72. Minbarra s-salarju bażiku, **il-membri tal-persunal jistgħu jkunu intitolati għal diversi benefiċċji, b'mod partikolari benefiċċju tal-unità domestika, benefiċċju tal-espatrijazzjoni (16 % tas-salarju bażiku u benefiċċju tal-unità domestika), benefiċċju tal-wild dipendenti u benefiċċju tal-edukazzjoni.** Is-salarju huwa soġġett għal taxxa tal-Unjoni mnaqqsa fis-sors u huwa eżentat mit-tassazzjoni nazzjonali.

Il-FRA toffri wkoll pakkett ta' benefiċċji soċjali komprensiv, inkluża skema tal-pensjoni, kopertura tal-assigurazzjoni medika, kontra l-aċċidenti u l-mard okkupazzjonali, benefiċċju tal-qgħad u l-invalidità u assigurazzjoni tal-ivvjaġġar.

Barra minn hekk, il-FRA toffri opportunitajiet differenti ta' **servizzi ta' tagħlim** permezz ta' ftehimiet dwar il-livell ta' servizz ma' skejjel internazzjonali u stabbilimenti tal-preprimarja u introduċiet politiki dwar it-**telexogħol u l-ħin flessibbli** fl-isforzi tagħha biex tirrikonċilja x-xogħol u l-ħajja privata.

F'ċerti ċirkostanzi, fejn il-membri tal-persunal huma obbligati jbiddu l-post tar-residenza tagħhom sabiex jibdeu l-impjieg, l-Aġenzija tista' wkoll tirrimborża diversi spejjeż imġarrba fir-reklutaġġ, b'mod partikolari l-ispejjeż tal-ġarr.

Informazzjoni addizzjonali rigward it-tip ta' kuntratti tista' tinkiseb mis-sit web tal-Kummissjoni Ewropea fl-indirizz li ġej: https://ec.europa.eu/info/jobs-european-commission_mt.

Għal aktar informazzjoni dwar kundizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fl-indirizz li ġej:

[EUR-Lex - 01962R0031-20140501 - MT- EUR-Lex \(europa.eu\)](#)

9 PROTEZZJONI TAD-DATA

Id-*data* personali għandha tiġi pproċessata biss għall-finijiet tal-proċedura tal-għażla.

Jekk jogħġbok kun af li l-FRA mhijiex se trodd lura l-applikazzjonijiet lill-kandidati. L-informazzjoni personali mitluba mill-FRA mill-applikanti se tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*. Dan japplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' tali *data*.

Jekk il-kandidat ikollu xi mistoqsija dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħu, għandu jindirizzaha lil: recruitment@fra.europa.eu.

Għal aktar informazzjoni dwar l-ipproċessar tad-*data* personali, jekk jogħġbok ara d-[Dikjarazzjoni ta' Privatezza tal-FRA](#).

10 PROĊEDURI TA' APPELL

Jekk kandidat iqis li jkun ġie affettwat ħażin minn deċiżjoni partikolari, huwa jista' jressaq ilment skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, fuq l-indirizz li ġej:

The Director
European Union Agency for Fundamental Rights
Schwarzenbergplatz 11
A-1040 Vienna
Austria

L-ilment għandu jitressaq fi żmien 3 xhur. Il-limitu taż-żmien għall-bidu ta' din it-tip ta' proċedura jibda minn meta tiġi ppubblikata t-tlestija tal-proċedura tal-għażla fuq is-Sit web fil-link li ġejja: <http://fra.europa.eu/en/about-fra/recruitment/vacancies>.

Jekk l-ilment jiġi rrifjutat, skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, kandidat jista' jitlob rimedju ġudizzjarju tal-att. L-appell għandu jitressaq fi żmien 3 xhur mid-data tan-notifika fl-indirizz li ġej:

Court of Justice of the European Union
Rue du Fort Niedergrünewald
L-2925 Luxembourg
Luxembourg

Barra minn hekk, għandek il-possibbiltà li tressaq ilment quddiem l-Ombudsman Ewropew skont l-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u f'konformità mal-istatut tal-Ombudsman u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni adottati mill-Ombudsman. Qabel ma l-Ombudsman ikun jista' jaċċetta lment, huwa meħtieġ li l-ilment l-ewwel jiġi indirizzat lill-Aġenzija. Kwalunkwe lment lill-Ombudsman (<http://www.ombudsman.europa.eu>) għandu jsir fi żmien sentejn minn meta tasal il-pożizzjoni finali tal-Aġenzija dwar il-kwistjoni.